**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Jannar 2025**

**Kawża Numru: 11**

**Rikors Guramentat Numru:- 1414/2023JVC**

**Maria Lourdes Vella (ID286523M), Winnifred mart Mario Gatt (ID8345M), Maria Carmela sive Marlene mart Maurice Degiorgio (ID1034546M), Catherine sive Kathleen mart Andrea Nanni (ID622650M), Mary Rose mart Geoffrey Malli (ID683956M), Joan mart Peter Wirth (ID753558M), William Vella (ID282053M), Jacqueline armla ta'**

**William Vella (ID 352263M) u Ruth Galea Vella (ID78053M) ta' 326-328 Zabbar Road, Fgura**

**vs**

**L-Agenzija ghal Infrastruttura Malta, id-Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, u l-Avukat tal-Istat ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Maria Lourdes Vella talbet kif isegwi:

'1. Illi huma s-sidien ta` porzjon art ta` 2684m$^2$ fl-inħawi ta` Raħal Ġdid fil-limiti tal-Fgura formanti parti minn Triq Għaddiet il-Ħaddiema, Triq il-Ħidma, Triq il-Vittmi tax-Xogħol u Triq Fr Charles Platter, liema art hija indikata fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A u ġiet utilizzata bħala toroq.

2. Illi l-Gvern kien esproprja l-art li ġiet ċirkondata mill-istess toroq u għadda biex żviluppa *housing estate* fuq l-istess art esproprijata kif jirriżulta mis-sentenzi tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet 'Kummissarju tal-Artijiet vs John Mary Vella' Rikors 40/2001, deċiża fis-6 ta` Diċembru 2004 (*retrial* 2/2005, deċiża 30 ta` Mejju 2006) u 'Kummissarju tal-Artijiet vs Paul Vella' Rikors 23/2000,

deċiża fis-6 ta` Diċembru 2004 (*retrial* 1/2005, deċiża fit-30 ta` Mejju 2006).

3. Illi dawn it-toroq ġew żviluppati mill-Gvern ta` Malta u dan kif kellu obbligu li jagħmel, iżda l-istess Gvern baqa' qatt ma akkwista l-propjetà tal-art li serviet għat-toroq, liema art baqgħet u għadha propjetà tal-esponenti.

4. Illi għalhekk l-esponenti għandhom dritt li jiġu debitament kumpensati għad-danni ta` okkupazzjoni minn meta l-Gvern żviluppa l-imsemmija art 'il quddiem.

5. Illi l-intimati huma responsabbli għal tali kumpens u interpellaw lil-intimati sabiex jerqsu għal-likwidazzjoni u ħlas permezz ta ittra uffiċjali numru 5107/2023 ippresentata fid-29 ta' Novembru 2023 iżda huma baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbili Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimati huma responsabbili għad-danni ta' okkupazzjoni tal-art tar-rikorrenti sa minn meta ġew formati it-toroq sad-data l-iktar viċina tas-sentenza;
2. Tillikwida l-istess danni u dan jekk hemm bzonn b'opra ta' periti nominandi;
3. Tikkundanna l-intimati jħallsu d-danni hekk likwidati

Bl-ispejjeż kontra l-intimati u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-Agenzija ghal Infrastruttura li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament qiegħed jiġi eċepit il-fatt li l-Aġenzija esponenti bl-ebda mod ma tista' tiġi meqjusa bħala l-leġittimu kontradittur fil-proċeduri għas-sempliċi raġuni li tali Aġenzija ġiet formalment imwaqqfa fis-sena 2018, u b'hekk diversi snin wara li kien sar l-allegat esproprju mertu tal-proċeduri odjerni;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, qiegħed jiġi eċepit il-fatt li l-Aġenzija esponenti bl-ebda mod ma tista' tiġi kkunsidrata bħala l-propjetarja tal-art in deżamina u dan in vista ta' dak stipulat fil-Kapitolu 588 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ebda danni jew allegazzjonijiet f'dan is-sens rigwardanti l-kaz in deżamina ma jistgħu jiġu attribwiti għal xi aġir jew inadempjenza tal-esponenti, kif ser jiġi ben pruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma mingħajr ebda fundament ġuridiku u fattwali, u l-Aġenzija ċertament ma għandhiex tkun involta fil-mertu tal-proċeduri odjerni;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponeti ma kkawżaw l-ebda danni u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jispetta lill-attur sabiex jippruvaw dak minnhom allegat;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex komptenza ratione materiae tistħarreġ u tiddeċiedi dan il-każ, billi jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet;

2. In linea preliminari wkoll, l-Awtorita' eccipjenti mhijiex il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici billi hija m'għandhiex u qatt ma kellha s-setgħa li tieħu jew tesproprja art privata għal skopijiet pubbliċi, u konsegwentement li tħallas il-kumpens għat-tali teħid – dawn huma funzjonijiet u setgħat dejjem kienu mwetqa eklussivament mill-Awtorita' tal-Artijiet jew mill-predeċessuri fit-titolu tagħha;

3. Preliminarjament ukoll, u bla ħsara għall-premess, l-Awtorita' eċċipjenti mhijiex il-leġittimu kontradittur ukoll billi bis-saħħa tal-Kapitolu 588 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Avviż Legali 309 tal-2018, kull funzjoni relatata mal-amministrazzjoni tat-toroq hija vestita lill-Agenzija għal Infrastruttura Malta;

4. Bla ħsara għall-premess, u f'kull każ, l-esponenti f'dan l-istadju m'għandha l-ebda tagħrif jew dokumentazzjoni dwar il-formazzjoni tat-toroq mertu ta' din il-kawża, u għalhekk, f'dan l-istadju mhijiex f'posizzjoni tgħid jekk hija, jew il-predeċessuri fit-titolu tagħha, kellhiex xi rwol fil-formazzjoni tagħhom;

5. Mingħajr preġudizzju, l-atturi jridu jġibu prova inekwivoka li huma tassew sidien tal-proprjeta' kollha in kwistjoni u li din il-proprjeta' tagħhom ġiet effettivament meħuda mill-Istat, u fin-nuqqas it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda;

6. Mingħajr preġudizzju għall-premess, ma jissostistux l-elementi meħtieġa mill-liġi għall-ħlas tad-danni, u f'kull każ, l-atturi għandhom iressqu l-aqwa prova għad-danni allegatament subiti, u jippruvaw ukoll li l-Awtorita' esponenti taħti għal xi nuqqasijiet li jrenduha responsabbli għad-danni pretiżi minnhom;

7. Bla ħsara għall-premess it-talbiet tal-atturi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.'

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi qabel xejn, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex kompetenza *ratione materiae* sabiex tiddeċiedi l-każ odjern;

**2.** Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandhom ifissru għaliex ħarrku lill-Avukat tal-Istat f'din il-kawża. L-Avukat tal-Istat la huwa responsabbli għall-iżvilupp tat-toroq ta' Malta, la huwa responsabbli mill-iżvilupp tal-*housing estates* u lanqas imexxi l-proċeduri ta' esproprijazzjoni f'isem il-Gvern. Jiġi b'hekk li l-Avukat tal-Istat ġie mħarrek bla bżonn f'dawn il-proċeduri u għalhekk għandu jiġi meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju;

**3.** Illi fi kwalunkwe każ, l-esponent mhux edott mill-fatti mertu tal-każ, iżda jirrespinġi t-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

**4.** Illi strettament bla preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom iġibu prova ċara tat-titolu li jgawdu fuq il-proprjetà mertu tal-każ odjern u juru li l-proprjetà tagħhom ittieħdet mill-Istat, għaliex altrimenti jkun nieqes għal kollox l-interess ġuridiku tagħhom f'dawn il-proċeduri;

**5.** Illi bla ħsara għall-premess, kemm-il darba r-rikorrenti jirnexxilhom jippruvaw il-każ tagħhom u din l-Onorabbli Qorti tillikwida xi danni favurihom, l-esponent m'għandux jinżamm responsabbli għall-istess danni u lanqas għandu jintalab iħallashom;

**6.** Illi finalment, u dan mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jissottometti li la darba l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu, huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**7.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent umilment iwieġeb illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi:

1. Illi in linea preliminari, l-Onorabbli Qorti m'għandhiex kompetenza *ratione materie* sabiex tisma' u tiddeċiedi dan il-

każ hekk kif il-kompetenza hija esklussiva għall-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet;

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Dipartiment mhuwiex il-leġittimu kontradittur hekk kif is-setgħa li tiġi espropjata art privata għal skop pubbliku hija mogħtija lill-Awtorita' tal-Artijiet ai termini tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi in linea preliminari wkoll, id-Dipartiment mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante li l-funzjonijiet regolatorji u amministrattivi huma vestiti fl-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u l-Aġenzija għall-Infrastruttura f'Malta;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi jridu jġibu prova ċara u inekwivoka li huma s-sidien tal-proprjeta' kollha mertu ta' dan il-każ u li effettivament tali propjeta' ttieħdet mill-Istat, u fin-nuqqas it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda fl-intjier tagħhom;

5. Illi mingħajr preġudizzju, l-atturi għad iridu jressqu l-aqwa prova għad-danni li ġew allegatament subiti kif ukoll li jressqu prova li tali danni huma kawża ta' xi nuqqas mid-Dipartment u li b'hekk irenduh responsabbli tad-danni pretiżi;

6. Illi bla ħsara għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fi dritt;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat illi fil-verbal datat 21 ta' Mejju, 2024 l-intimati kollha b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni taghhom ( salv dik tal-Agenzija ghall-Infrastruttura Malta) li teccepixxi l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti, talbu l-allegazzjoni tal-process 4/2017 deciz mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar it-23 ta' Novembru, 2023 u rat li din il-Qorti laqghet it-talba;

Rat li fl-istess verbal tal-21 ta' Mejju, 2024 din il-Qorti ordnat li fl-ewwel lok jigu trattati l-eccezzjonjiet dwar l-inkompetenza *rationae materiae* li jgibu numru 1 fir-risposti tal-intimati salv dik fir-risposta ta' l-Agenzija Infrastruttura Malta;

Rat illi fl-istess verbal ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni preliminari kif indikat bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-process odjern u tal-process anness.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti jsostnu li huma proprjetarji ta' porzrjon art ta' 2684 metri kwadi fl-inhawi ta' Rahal Gdid fil-limiti tal-Fgura liema art llum tifforma parti minn Triq Ghaddiet il-Haddiema, Triq il-Hidma, Triq il-vittmi tax-Xoghol u Triq Fr. Charles Platter. Isostnu li filwaqt li l-Gvern kien esproprja

l-art li ticcirkonda dawn it-toroq u zviluppa *Housing Estate* fuq l-istess, sal-lum il-Gvern qatt ma akkwista l-proprjeta' tal-art li serviet ghat-toroq liema art allura baqghet proprjeta' tar-rikorrenti. Ir-rikorrent jsostnu ghalhekk li ghandhom id-dritt li jigu debitament kumpensati ghad-danni ta' okkupazzjoni sa minn meta l-Gvern zviluppa l-art imsemmija f'toroq. Jsostnu li huma l-intimati responsabbli sabiex jaghmlu tajjeb ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni hekk rikjesti.

Da parti taghhom l-intimati Id-direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici, L-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta u l-Avukat tal-Istat fl-ewwel eccezzjoni rispettiva taghhom lkoll eccepew l-inkompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti stante li jsostnu li t-talbiet odjerni jaqghu fil-kompetenza esklussiva tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet. Partikolarment l-intimati jsostnu li l-kaz odjern jinkwadra ruhu fit-termini tal-artikolu 67 tal-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar Artijiet tal-Gvern, li taqra kif isegwi:

*'67. (1) Meta art li fuqha ma tkun inharget l-ebda dikjarazzjoni, tkun okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti, kull min juri ghas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Arbitragg li huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art jistá jitlob li dik l-art tigi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorità jew inkella biex dik l-art tigi mrodda lura hielsa u franka minn kull okkupazzjoni.*

*(2) Din l-azzjoni ghandha ssir permezz ta' rikorsipprezentat fir-Registru tal-Bord tal-Arbitragg li ghandu jigi indirizzat kontra l-awtorità li jkollha jedd ta' ghoxrin jum biex twiegeb minn mindu tigi notifikata bir-rikors.*

*(3) L-awtorità fit-twegiba taghha ghandha tindika jekk il-Gvern iridx jikseb l-art b'xiri assolut jew inkella trodd lura l-art lis-sid.*

*(4) Jekk l-awtorità tindika fit-twegiba taghha li trid tikseb l-art b'xiri assolut hija ghandha turi ghas-sodisfazzion tal-Bord li dik l-art hija mehtiega ghal skopijiet pubblici.*

*(5) F'kaz li l-Bord tal-Arbitragg ikun sodisfatt li l-art hija tassew mehtiega ghal skopijiet pubblici huwa ghandu jaghti zmien lis-sid u lill-awtorità biex jiddikjaraw kemm ghandu jkun il-kumpens li ghandu jithallas ghat-trasferiment tal-art.*

*(6) Jekk il-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar il-kumpens li ghandu jithallas ghal dik l-art, allura ghandu jkun il-Bord tal-Arbitragg li jiffissa l-kumpens xieraq ghat-trasferiment ta' dik l-art, b'dana li l-kumpens m'ghandux ikun oghla minn dak indikat mis-sid jew inqas minn dak indikat mill-awtorità.*

*(7) II-valur tal-art ghandu jttiehed li hu l-ammont illi -art tista ggib kieku tigi mibjugha fis-suq minn sidha volontarjament u ghandu jinhadem fuq il-valur li jkollha l-art ta meta gie mressaq ir-rikors skont dan l-artikolu.*

*(8) Flimkien mat-talba ghax-xiri jew radd lura tal-art, tista ssir ukoll talba biex il-Bord tal-Arbitragg jillikwida u jordna lill-awtorità thallas id-danni materjali u d-danni morali li gew imgarrba mis-sid ghas-snin kollha li l-art kienet ged tigi okkupata minghajr ma nharget id-dikjarazzjoni.*

*(9) Kull persuna titlef il-jedd ta' azzjoni skont dan l-artikolu jekk hija tonqos milli tipprocedi fi zmien hames snin minn meta jidhol fis-sehh dan l-Att. Dan il-perjodu huwa perentorju u ma jistax jiggedded.'*

Il-Qorti f'dan ir-rigward rat li r-rikorrenti precedentement ghall-kawza odjerna prezentaw ukoll rikors quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet bin-numru 4.17, liema rikors gie finalment deciz nhar it-23 ta' Novembru, 2023 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha ta' dak ir-rikors tqis li huwa

evidenti li l-art koncernata fil-kawza odjerna kienet ukoll suggett tat-talbiet f'dak ir-rikors quddiem il-Bord u sussegwentement quddiem il-Qorti tal-Appell, apparti talbiet ohra li kienu jestendu fuq l-art li ntuzat ghall-izvilupp tal-*Housing Estate*.

Illi sabiex wiehed jifhem ahjar l-import ta' dawk il-proceduri u x'effett jista' jkollhom fuq id-decizjoni preliminari odjerna l-Qorti tqis li ghandha tirriporta parti mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kif isegwi:

*'41. Imiss li jigi trattat it-tielet aggravju tal-atturi appellanti, dak fejn jilmentaw dwar il-fatt li l-Bord wasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm provi li l-art in kwistjoni, li kienu toroq, kienu mibnija mill-Gvern stess. Jaghmlu referenza ghall-Artikolu 67 tal-Att Dwar Artijiet tal-Gvern u jsostnu li dan japplika ghall-art taghhom tal-kejl ta' 2,684m2. Jghidu li r-rimedju offrut permezz tal-Att Dwar Artijiet tal-Gvern huwa wiehed specjali u partikolari li ma jikkonsidrax ligijiet ohra bhal Kodici tal-Pulizija jew l-Avviz Legali 29/2010. Jishqu li l-kliem tal-Att Dwar Artijiet tal-Gvern, li jirreferu ghal art "okkupata jew amministrata" minn xi Awtorità kompetenti ghandhom jittiehdu fis-sens ordinarju taghhom u li l-ligi ma titkellimx dwar formazzjoni ta' triq. Isostnu li galadarba triq tinsab asfaltata, bis-servizzi tad-dawl, drenagg u bis-sinjali tat-toroq, il-Gvern ikun qieghed jokkupa dik it-triq. Fil-proceduri odjerni rrizulta li l-art inkwistjoni hija fil-fatt triq skont kif wiehed jista' jara wkoll mir-relazzjoni tal-periti teknici. Izidu jghidu li malli triq tigi asfaltata, dik tigi amministrata mill-Gvern, tant li jkun vjetat lis-sid tal-art li jfixkel l-uzu generali ta' dik il-proprjetà mill-pubbliku, tant li ma jkunx jista fixkel jew jaghlaq it-triq, jekk mhux bil-permess jew licenzja partikolari minn xi awtorità. Issir referenza ghall-Artikolu 7(2)(d) tal-Kap. 563, fejn jinghad li l-Awtorità tal-Artijiet ghandha s-setgha u I-funzjoni li tamministra bl-akbar mod assolut it-toroq,*
*fost affarijiet ohra.*

*42. L-appellanti jaghmlu referenza wkoll ghal xi sentenzi tal-Bord fejn gie deciz li galadarba l-art tkun tifforma parti minn triq, din tkun qieghda tintuza ghal skop u fl-interess pubbliku, u ghandha tittiehed b'titolu ta' xiri assolut. L-appellanti jishqu li huma ghamlu referenza ghas-sentenzi tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet v. John Mary Vella - Rikors Numru 40/2001 deciza fis-6 ta' Dicembru, 2004 - ritrattazzjoni 2/2005 deciza fit-30 ta' Mejju, 2006, kif ukoll Kummissarju tal-Artijiet v. Paul Vella - Rikors Numru 23/2000 deciza fis-6 ta' Dicembru, 2004 - ritrattazzioni 1/2005 deciz fit-30 ta' Mejju, 2006. Dawn il-proceduri kienu jitrattaw il-kumpens ghall-esproprju tal-housing estate, li permezz taghhom il-predecessuri fit-titolu taghhom kienu nghataw il-kumpens. Jilmentaw li l-Bord kellu l-obbligu jiehu konjizzjoni tal-istess processi, peress li fihom hemm indikazzjoni preciza tal-art li giet esproprjata u ssir referenza ghall-gurisprudenza fis-sens li atti gjacenti fir-registri tal-qrati lokali jistghu jigu konsultati minghajr il-htiega tal-ezibizzjoni formali taghhom fil-proceduri.*

*43. Dan apparti li l-appellanti jsostnu li l-fatt li l-proprjetà taghhom illum il-gurnata tikkonsisti f'toroq madwar is-social housing ma gietx imxejna. B'hekk jinghad mill-appellanti li jekk il-Bord kellu xi dubju dwar dan, ma kellux jichad it-talba taghhom, ikkunsidrat ukoll li t-talba taghhom ma tistax tigi riproposta, peress li t-terminu perentorju llum skada, izda kellu jaghti l-opportunità sabiex dan il-punt jigi kjarifikat u dan b'sens ta' gustizzja. Ghalhekk jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka din il-parti tas-sentenza u tiddikjara li din l-art ghandha tinkiseb b'xiri assolut jew tibghat l-atti lill-Bord sabiex ikun hemm id-doppio esame.*

*44. Illi waqt is-sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti, l-abbli difensur tal-appellanti Vella sahaq hafna dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 67 tal-Kapitolu 573.*

*45. Din il-Qorti tqis li filwaqt li mhuwiex ikkontestat li huwa l-Artikolu 67 tal-Att Dwar Artijiet tal-Gvern li japplika fix-xenarju prospettat mill-atturi, ghandu jinghad li tabilhaqq il-provi in atti dwar l-art li jinghad li hija okkupata mill-Gvern minghajr l-esproprjazzioni mentiega, huma skarsi. Huwa minnu li l-perit Scotto mressaq jixhed mill-Awtorità intimata, fuq mistoqsija mid-difensur tal-atturi xehed li l-arja ta' 2684m', in kwistjoni hija kollha triq u hija madwar housing estate mibni mill-Gvern (ara fol. 101).*
*Madankollu, apparti li din il-Qorti taqbel mal-Bord li l-atturi naqsu milli jressqu provi sodisfacenti fir-rigward, jigi osservat li mill-atti jirrizultaw numru ta' inkonsistenzi. Hekk per ezempju, fid-dikjarazzjoni causa mortis imsemmija qabel, l-art li jinghad li hija esproprjata mill-Gvern hija dik ta' 1082m2, ma tissemma l-ebda art ohra okkupata mill-Gvern, mentri l-estent tal-art suggett ta' din il-kawza li qieghed jinghad li kellhom l-atturi huwa b'total ta' 3,664m2, li minnhom l-art li rizultat debitament esproprjata hija dik ta' 1,025m2. Dan suppost ihalli bilanc ta' 2,639 m u mhux 2,684m2, kif jinghad mill-periti ex parte mressqa mill-partijiet fil-kawza. Dan jixhet dubju dwar kemm twettqu ezercizzii serji dwar l-estent ta' l-art li jinghad li hija okkupata mill-Gvern.*

*46. Din il-Qorti lanqas taqbel mal-atturi appellanti meta jinghad minnhom li l-fatt li jinsab assodat li l-art in kwistjoni titratta toroq, ifisser li dawn huma okkupati u amministrati mill-Gvern. Kif inghad minn din il-Qorti, fis-sentenzi tad-9 ta' Frar, 2023, fl-ismijiet Reverendu Dun Gwann Farrugia v. L-Awtorità tal-Artijiet u Edwige Testa et v. L-Awtorità tal-Artijiet, il-fatt li triq tkun asfaltata, ma jfissirx li dik it-triq tkun okkupata jew amministrata mill-Gvern, li ghandha twassal ghall-esproprju taghha. Ghalkemm huwa minnu li, l-Kap. 573 joffri diversi rimedji li qabel ma kinux jezistu, jibqa' l-fatt li dan ma jfissirx li l-legizlatur permezz tal-Kap. 573 gab fix-xejn il-provvedimenti tal-ligi li jirregolaw il-materja tat-toroq (ara l-Avviz Legali 29 tas-sena 2010 (Regolamenti dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f' Toroq). Dan jinghad ukoll peress li filwaqt li Il-Att XVII tal-2017, li bih dahlet illigi l-gdida (Kap.*

*573) hassret numru ta' ligijiet u provedimenti varji tal-ligiet (ara Artikolu 84 tal-istess att), ma nghad xejn fir-rigward tar-regolament li jirregolaw il-materja ta' toroq. Isegwi li z-zewg ligijiet iridu jigu interpretati b'tali mod li jaghmlu sens.*

*47. Hekk ukoll, huwa minnu li l-atturi appellanti ghamlu referenza ghall-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet v. John Mary Vella - Rikors Numru 40/2001 deciza fis-6 ta' Dicembru, 2004 - ritrattazzjoni 2/2005 deciza fit-30 ta' Mejju, 2006, kif ukoll Kummissarju tal-Artijiet v. Paul Vella - Rikors Numru 23/2000 deciza fis-6 ta' Dicembru, 2004 - ritrattazzjoni 1/2005 deciz fit-30 ta' Mejju, 2006, ghal darb'ohra fl-istadju tan-nota ta' sottomissjonijiet. Madankollu, jigi ribadit li dan mhux il-mod kif isiru l-kawzi. Huwa minnu li l-Qorti tista' tiehu konjizzjoni ta' processi li jinsabu fir-registri taghha, madankollu dan mhux kaz fejn semplicement jigi accertat li gie prezentat xi att gudizzjarju. Dan kaz li kien jehtieg l-accertament tekniku dwar l-estent taz-zewg esproprji li jinghad mill-atturi li sehhew in precedenza, sabiex ikun jista' jigi accertat I-estent tal-art li jinghad li hija okkupata mill-Gvern minghajr l-esproprju mehtieg Ghalhekk kien ikun utli li jintalab li l-imsemmija processi jigu allegati, sabiex il-periti teknici jkunu jistghu jaghmlu l-accertamenti mehtiega.*

*48. Dan jinghad ukoll peress li, ghalkemm l-atturi appellanti jargumentaw li l-izvilupp li sehh kien da parti tal-Gvern b'rabta mal-progett tal-akkomodazzjoni socjali, sadanittant jirrizulta mid-dikjarazzjoni causa mortis li f'wahda mit-toroq li l-atturi qeghdin jippretendu kumpens ghaliha (Triq l-Ghaqdiet tal-Faddiema) fiha jirrizulta li ghandhom proprjetà (ara fol. 65 tal-process). Ghalhekk il-htiega li jitressqu l-provi kollha u li jsiru l-accertamenti mehtiega fl-istadju tal-provi quddiem il-Bord (u mhux fl-istadju tas-sottomissjonijiet). Fin-nuqqas, din il-Qorti m'ghandhiex is-serhan tal-mohh li tiddikjara li jirrizulta pruvat li l-art li fuqha l-atturi jressqu l-pretensjonijiet taghhom kienet tabilhaqq iffurmata u okkupata mill-Gvern b'rabta mal-progett tal-akkomodazzjoni socjali.*

*Isegwi li din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Bord li l-atturi ma ressqux il-provi mehtiega in sostenn tal-pretensjonijiet taghhom. Dan meta kien jispetta lilhom li jippruvaw dak allegat minnhom, kemm li kien il-Gvern li fetah it-toroq, kif ukoll l-estent tat-toroq hekk iffurmati. Ghalhekk dan l-aggravju ser jigi michud.'*

Illi din il-Qorti wara li gharblet dak kollu suespost, l-ligi ndikati u l-atti tal-kawza odjerna, fir-rigward ta' din l-eccezzjoni tirrileva s-segwenti:

1. Illi ma hemmx dubju li t-talbiet tar-rikorrenti fil-proceduri annessi fir-rigward tal-istess art kienu fit-termini tal-artikolu 67 tal-Kap. 573;

2. Illi fit-termini ta' dak l-artikolu sidien ta' prorpjeta' li tkun okkupata jew amministrata minn xi awtorita' kompetenti **setghu** fit-terminu ta' hames snin mill-introduzzjoni tal-ligi jitolbu li dik l-art tigi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorita' jew inkella biex dik l-art tigi mrodda lura hielsa u franka minn kull okkkupazzjoni.

3. Illi t-talbiet fil-kawza odjerna huma ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni ghall-okkupazzjoni tal-art mill-intimati w'ghalhekk dawn it-talbiet huma ferm diversi minn dawk kontemplati mill-artikolu 67 tal-Kap. 573.

4. Illi in oltre apparti s-suespost, is-subartikolu 8 tal-artikolu 67 jsostni li flimkien mat-talba ghax-xiri jew radd lura tal-art, tista' ssir ukoll talba biex il-Bord tal-Arbitragg jillikwida u jordna lill-awtorita' thallas id-danni materjali u d-danni morali li gew imgarrba mis-sid ghas-snin kollha li l-art kienet qed tigi okkuptata minghajr ma nharget id-dikjarazzjoni. Din il-Qorti tifhem li l-intimati allura jistghu isostnu li *prima facie* jidher li t-talbiet odjerni

tar-rikorrenti jistghu ukoll jaqghu fit-termini ta' l-artikolu 67 izda din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Fl-ewwel lok il-ligi tghid li 'tista' ssir ukoll talba' mhux li trid issir bilfors u wkoll dik il-ligi timponi li sabiex issir quddiem il-Bord dik it-talba trid tkun marbuta mat-talbiet l-ohra kontemplati fis-sub-artikolu (1) tal-istess, li mhux il-kaz odjern.

5. Illi li kieku din il-Qorti kellha tapplika l-argument tal-intimati dan ifisser li kull min allura ghandu art proprjeta' tieghu allegatament okkupata mill-Gvern, wara t-trapass ta' hames snin kif imposti f'dik il-ligi specjali, jispiccalu kwalunkwe jedd li jigi kupensat ghall-okkupazzjoni tal-istess nonostante li bhal fil-kaz odjern l-okkupazzjoni skont ir-rikorrenti ghadha ghaddejja. Dan ifisser li allura l-agir tal-Gvern jigi l-fuq minn kull applikazzjoni tal-ligi u jista' jaghmel li jrid bil-proprjeta' tan-nies a skapitu tal-jeddijiet taghhom. Huwa ghalhekk ovvju li talbiet bhal dawn odjerni llum ghadhom u huma fil-kompetenza ta' din il-Qorti u mhux f'xi limbu legali li jizviluppa li kieku din il-Qorti kellha tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati.

Illi in vista tas-suespost, din il-Qorti, filwaqt li bl-ebda mod ma ghandha tinftiehem li qed taghti xi ragun fil-mertu lir-rikorrenti stante li ghadhom lanqas biss bdew jingabru l-provi fil-kaz odjern, ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u l-Avukat tal-Istat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tal-intimati Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet

Pubblici u l-Avukat tal-Istat rispettivament billi tichadhom u tordna l-kontinwazzjoni tas-smiegh fil-mertu rimanenti.

Bl-ispejjez kontra Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u l-Avukat tal-Istat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 Jannar 2025**